MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Avviz Numru. 600/2004

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**Vs**

**J P Baldacchino & Company Limited (C 2832), f'isimha proprju u ghan-nom in rapprezentanza tas-socjeta' estera Edward Barber & Company Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess Korporazzjoni attrici, is-somma ta' elfejn, sitt mija u disghin Lira Malta (Lm2,690), rappresentanzti danni subiti mill-istess korporazzjoni minhabba li l-istess korporazzjoni uzat *fittings* suppliti minnhom, liema *fittings* ma kienux tal-kwalita' adatta u ma kienux skont it-talba ta' l-istess korporazzjoni, kollox kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluz Lm11.50 ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Gunju, 2003, u bl-imghax legali, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta pro et nomine (fol 8 et seq ibid) u li biha eccepiet bil-qima:-

1. Illi preliminarjament l-esponenti JP Baldacchino & Co Limited ma ghandhiex ir-rapprezentanza tas-socjeta' estera Edward Barber & Company Limited, illum Atlantis Plastics Limited, ghaliex ma ghadhiex, kif kienet fiz-zmien tal-fornitura, ir-rapprezentant jew l-agenti taghha. Illum is-socjeta' Atlantis Plastics Limited ghandha l-agenti taghha lokalment u ghalhekk fil-kwalita' citata ghandha tigi liberta mill-osservanza tal-gudizzju. Din l-eccezzjoni qed tinghata kif trid il-Procedura Civili 'in limine litis'.
2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti f'isimha proprju ma kellhiex relazzjoni guridika mal-Korporazzjoni attrici ghaliex dejjem agixxiet bhala agenti jew rapprezentanti, ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.
3. Illi minghajr pregudizju ghall-premess, ghal kull buon fini, l-eccipjenti proprio et nomine tichad kull responsabilta ghal danni u tghid illi fil-mertu t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi din is-sentenza tirreferi ghall-ewwel zewg (2) eccezzjonijiet kif sottomessi mis-socjeta' konvenuta u dwar l-istess eccezzjonijiet li huma ta' natura preliminari gew prodotti, biss, provi da parti tas-socjeta' attrici u dan kif ser jinghad;

1) A fol 17 et seq ibid jinsab anness 'affidavit' ta' Anthony Baldacchino in rappresentanza tas-socjeta' konvenuta u dan spjega li s-socjeta' konvenuta kienet

tirrapresenta hawn Malta s-socjeta' 'Edward Barber and Co Ltd' sitwata fir-Renju Unit. Fit-2 ta' Dicembru 1998, il-'Water Servies' Corporation' kienet ordnat mill-istess socjeta estera fornitura tal-oggetti hemm deskritti u ghall-uzu specifikat fl-istess xhieda wara li l-istess ordni inghataw lid-ditta estera permezz ta' accettazzjoni ta' 'tender'. Dawn l-oggetti kienu gew supliti direttament, lill-Korporazjoni kif jidher mid-dokument ossija fattura a fol 21 ibid u mill-iehor ossija l-ordni ufficjali a fol 19 ibid. Sadattant is-socjeta' estera kienet giet akkwistata minn ohra u oltre li nbidel l-isem taghha' … gie terminat l-'agreemnt' mas-socjeta' taghna …' ghar-raguni indikata fl-istess xhieda. Inoltre fis-27 ta' Lulju 2000, il-Korporazzjoni kienet kitbet direttament lis-socjeta' estera, taht l-isem originali taghha, sabiex tilmenta dwar allegati nuqqasijiet fl-'fittings; suppliti (ara fol 22 ibid) u problemi relattivi (ara fol 23 ibid kif ukoll fol 24). Fl-ahhar nett hu rega' sostna li m'ghandna l-ebda relazzjoni la ma EBCO u lanqas ma Atlantic Plastic'. In <u>kontro esami</u> (fol 39 et seq ibid) hu rega' qal illi kien, ghall-habta tas-sena' 2000 '… qtajt il-kuntatt kollu mas-socjeta' …' estera. Inoltre kien ircieva ittra ufficjali dwar dan il-kaz u meta gara dan kien ikomunika mal-istess socjeta' estera, bl-isem mibdul u hu kien gie informat '…. Illi kienu jafu b'dan il-kaz, pero kienu qeghdin jihhendiljawh … minn x'imkien iehor' u '.. illi kien gie nominat avukat hawn Malta u l-kaz kien f'idejh'. Hu ftakar li kien presenti '… ghal xi seduta' u Avukat kien qallu '… li kien ghamel proposta dwar dan il-kaz …' lill-Korporazzjoni attrici (kif ukoll fol 43 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ghandu jigi deciz x'kien ir-rwol tas-socjeta' konvenuta 'pro et nomine' f'dan il-kaz. L-istess xhud Anthony Baldacchino xehed li, almenu sas-sena' 2000 is-socjeta' konvenuta kienet <u>ir-rappresentanta</u> hawn Malta tas-socjeta' Edward Barber and Co Ltd'. Izda fl-istess xhieda hu qal illi, il-Korporazzjoni attrici kienet, fil-kaz in desamina, involuta direttament u mhux tramite s-socjeta' konvenuta, mas-socjeta estera.

Illi, fl-istess zmien meta dan kien sehh is-socjeta' konvenuta kienet l-agent ta' dik estera, liema relazzjoni hi regolata bl-artikoli 49 sa 56 tal-Kodici tal-Kummerc u l-1856 et seq ibid tal-Kodici Civili. Fl-artikoli 1865(2) tal-ahhar Kodici jinghad li mandatarju (ossija agent) jista' joqghod bhala konvenut dejjem f'isem il-principal, f'kawzi li jinvolvu materji li jinkwadraw ruhhom fil-prokura ossija agenzija. Illi ghalekk, f'dan il-kaz, is-socjeta' konvenuta, minhabba dak premess, ma setghetx tigi mharrka' 'proprio' izda 'caso mai' 'nomine'.

Ikkunsidrat

Illi, pero, in rigward l-ahhar punt irrizulta, ukoll, illi matul is-sena' 2000, is-socjeta' kovenuta ma baqghetx agent jew rappresenant tas-socjeta' estera liema fatt ma jidhirx li ngieb a konjizzjoni tal-Korporazzjoni attrici. L-avviz in esami kien gie presentat fit-2 ta' Novembru 2004, meta din is-sitwazzjoni kienet di gja esistenti. Konsegwentement l-avviz in esami ma setax jigi intavolat kontra s-socjeta' konvenuta ' nomine'.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, jidher li ghandhom jigu akkolti l-eccezzjonijiet in esami kif sottomessi mill-istess socjeta' konvenuta 'proprio et nomine'.

Ghal dawn il-motivi , il-Qorti, waqt li takkolji l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni kif sottomessi mis-socjeta' konvenuta 'proprio et nomine' tillibera lis-socjeta' konvenuta 'proprio et nomine' mill-osservanza tal-gudizzju. In rigward l-ispejjes, kollha kemm huma, dawn jibqghu minghajr taxxa bejn il-partijiet

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------